# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **764/2021**

## DR PETER GATT (KI 254664M)

**VS**

## MALTA COLLEGE FOR ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY,
## L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU,
## IS-SEGRETARJU PERMANENTI MATTHEW VELLA
**FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT,**
## L-ONOREVOLI CLIFTON GRIMA
**FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT,**
## IL-PROFESSUR JOACHIM JAMES CALLEJA
**BĦALA PRINĊIPAL TAL-MALTA COLLEGE FOR ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY U**
## PHILIP VELLA
**BĦALA DEPUTAT PRINĊIPAL TAL-MALTA COLLEGE FOR ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY, U**
## DR JOYCE CASSAR
**FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**
## U L-AVUKAT TAL-ISTAT

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, tletin (30) ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk l-għemil amministrattiv li wasal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent mill-MCAST għall-Pembroke Secondary School jew skola oħra sekondarja sarx bi ksur tal-Artikoli 469A(1)(a), (b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat tlieta (3) t'Awwissu 2021, **Dr Peter Gatt** ippremetta:

   a. *Illi r-rikorrenti huwa lecturer f'applikazzjonijiet tal-ġeoloġija, li għandu kuntratt ta' impjieg bħala għalliem mad-Dipartiment tal- Edukazzjoni;*

   b. *Illi, fl- ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), ir-rikorrenti kien ġie detailed mill-Uffiċju tal-Prim Ministru sabiex jippresta s-servizzi tiegħu ta' lecturer fis-sena 2014 fl- MCAST fi ħdan id-Dipartiment Building and Construction Engineering a bażi ta' kuntratt li jiġġedded kull sena u li sussegwentament dan id-detail ġie konvertit f'wieħed indefinit;*

   c. *Illi r-rikorrenti huwa l-unika persuna fl-MCAST li jipposjedi l-kwalifiċi, kompetenza u esperjenza fis-suġġetti li qiegħed jgħallem u jipposjedi l-ogħla kwalifiki akkademiċi fid-Dipartiment;*

   d. *Illi dan l-aħħar ir-rikorrenti ġie assoġġettat għal xhur ta' trattament degradanti għalkemm kien qiegħed jagħmel xogħlu b'mod mill-iktar diliġenti u dan bi ksur ta' Artitkolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan kollu kien bħala retrosjoni għall-fatt, fost affarijiet oħra, illi l-esponenti*

*ġibed l-attenzjoni tal-Management dwar il-kwalta' baxxa tas-sillabi li kienu qegħdin jiġu imposti fuqu biex jgħallem;*

e. *Illi konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' qbil bejn l-esponenti u l-Management tal-MCAST, saru diversi tentattivi da parti tal-Management jew min minnhom sabiex l-esponenti jiġi b'mod arbitrarju u nġust mkeċċi minn maċ-Ċivil permezz ta' ittra datata l-10 ta' Settembru 2020, kopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala **Dok A**, arbitrarjament, il-Prinċipal intimat tal-MCAST Joachim James Calleja, nforma lir-rikorrenti li d-detailing tiegħu ġie revokat filwaqt li ordnalu sabiex jirritorna l-ekwipaġġ u ċ-ċwievet tiegħu lura l-MCAST;*

f. *Illi l-azzjoni da parti tal-intimat Calleja kienet waħda llegali, nulla u mingħajr effett stante illi kienet bi ksur tar-regolament 5.2.4 tal-"Manuel on Resourcing, Policies & Procedures", kopja tal-istess manual hawn anness u mmarkat bħala **Dok B**, fejn huwa stipulat illi "approval for the revocation of detailing of public officers rests within the Prime Minister", liema approvazzjoni kienet mankanti;*

g. *Illi għalhekk, in vista tan-nuqqas ta' osservanza ta' tali regolament, ir-revoka tad-detailing tar-rikorrenti ma seħħitx sa dak iż-żmien u għalhekk hu ħalla jattendi ġewwa l-MCAST mingħajr ma ngħata ebda xogħol x'jagħmel;*

h. *Illi l-intimati, jew min minnhom, flimkien mal-proċeduri sovra ndikati li sfaxxew fix-xejn stante illi legalment ma kinux sostenibbli, kienu rrekorrew ukoll għal proċeduri dixxiplinjarji quddiem l-Public Service Commission li d-deċiżjoni tagħha kienet fis-sens li r-rikorrenti ma jiġix imkeċċi u dan kif jirriżulta mill-kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok C**;*

i. *Illi da parti tal-esponenti, in vista ta' dan l-aġir xejn risponsabbli, huwa sstitwixxa proċeduri quddiem l-Ombudsman sabiex jinvestiga l-mod arbitrarju u llegali li permezz tiegħu l-Management kien qed jaġixxi fil-*

*konfront tiegħuu cioe li għalkemm kien fl-impjieg tal-MCAST huwa ma kienx qiegħed jiġi assenjat lectures u di piu ġie inibit milli anke jikkomunika mal-istudenti;*

j. *Illi l-Ombudsman, u dan kif jirriżulta mill-kopja hawn annessa u markat* ***Dok D****, sab favur l-esponenti u ddeċieda u rrakkomanda li:*

*"...This reason, in the Commissioner's considered view, is however unacceptable. In a large tertiary educational institution like MCAST there are bound to be clashes of characters and personalities, but it is inconceivable that such an institution should not be able, or at least attempt, to reconcile such differences but should go straight away for the nuclear option. And in case, it should never resort to any act – of commission or omission – which, in the circumstances, is oppressive and degrading."*

k. *Illi nonostante d-deċiżjoni tal-Public Service Commission u r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman li bl-ebda mod ma jikkundannaw xi aġir ta' l-esponenti, anzi, hemm dikjarazzjoni li huwa ġie soġġettat għal att "which was oppressive and tantamount to degrading treatment of the complainant by the said Institution", l-istess Istituzzjoni ta' l-MCAST baqgħet tippressa bl-aġir arbitrarju u degredanti tagħha u permezz ta' ittra li ġġib id-data tas-17 ta' Ġunju 2021 da parti tal-intimat Philip Vella, Deputy Principal – Administration b'attachment ta' ittra da parti ta' Mary Scicluna, Director (Human Resources) mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ġie ordnat sabiex b'effett immedjat, u cioe mill-21 ta' Ġunju 2021, jibda jirrapporta għax-xogħol ġewwa Pembroke Secondary School, u dan kif jirriżulta minn* ***Dok E*** *hawn anness;*

l. *Illi din id-deċiżjoni hija waħda skorretta u llegali stante li:*

   i. *L-esponenti qiegħed jiġi soġġettat għal azzjoni punittiva dopjament u cioe transfer lil hinn minn dak subit permezz tad-deċiżjoni tal-Public Service Commission; u*

ii. *L-MCAST ma segwix il-proċedura stabbilita mill-Manual on Resourcing Policies and Procedures li huwa maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru;*

m. *Illi nvista ta' tali azzjonijiet negattivi l-esponenti ntavola talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bin-numru ta' referenza 915/21 FDP fejn talab il-protezzzjoni tal-Onorabbli Qorti u talabha jogħġobha tordna lill-intimati sabiex tordna jiddesistu milli "jkompli bl-esekuzjoni u mplementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra";*

n. *Illi l-Qorti Prim'Awla proviżorjament laqgħet it-talba tar-rikorrenti kif dedotta permezz tat-talba li ġġib numru 915/21 FDP iżda xorta waħda l-intimati, jew min minnhom, ordnaw li titwaħħal mad-daħla tal-MCAST, donnu bħal li kieku r-rikorrenti kien xi persuna "wanted" bħal xi xenarju tal-Western, avviż sabiex il-gwardjani tal-istess skola ma jdaħħlux lir-rikorrenti ġewwa l-bini tal-istess istituzzjoni, dokument tal-avviż hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok F****;*

o. *Illi permezz ta' digriet tal-għoxrin (20) ta' Lulju 2021, l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba kif dedotta u ordnat lill-intimati sabiex jieqfu milli jkomplu fl-eżekuzzjoni u mplementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jitrasferixxu lir-rikorrenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew f'xi skola oħra;*

p. *Illi b'dawn il-projbizzjonijiet kollha fuq indikati mposti fuq ir-rikorrenti mill-intimati, jew min minnhom, ġie les ukoll id-dritt tar-rikorrenti għal-liberta' tal-espressjoni u cioe li jikkomunika l-ħsibijiet u l-ideat tiegħu mingħajr tfixkil u indħil, dan il-prinċipju fundamentali kif sanċit u salvagwardat fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

q. *Illi dawn id-deċiżjonijiet arbirarji li ttieħdu mill-intimati jew min minnhom ippreġudikaw il-karriera twila akkademika fil-livell terzjarju, u tali deċiżjonijiet li ġew meħuda kienu mhux biss abbużivi u llegali iżda ultra vires peress li huma kienu msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll kienu jiksru l-prinċipji stabbiliti taħt Artikoli 41 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li l-għemil amministrattiv li wasal għar-revoka tad-detailing tar-rikorrenti mill-MCAST għall-Pembroke Secondary School jew skola oħra sekondarja sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   ii. *Tordna t-tħassir tad-deċiżjoni meħuda fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u kull att sussegwenti u/jew anċillari għall-istess rigwardanti d-detailing tar-rikorrenti hawn fuq indikata u tordna lir-rikorrenti jerġa' jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni u cioe fil-grad u kundizzjonijiet li kien jeżerċita qabel;*

   *B'riserva għal kull azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 kontra l-intimati.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sittax (16) t'Awwissu 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrent sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ġimgħa, tmienja (8) t'Ottubru 2021;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata disgħa (9) ta' Settembru 2021, il-konvenuti **<u>l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru</u>** eċċepew:

   a. *Illi, preliminarjament, in-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li din il-kawża ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   b. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur irid jindika l-iskop tal-prova tax-xhieda proposti minnu, u dan ai termini ta' l-Artikolu 156(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti;*

   c. *Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija improponibbli in kwantu l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv ai termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi miżuri intenzjonati għall-iskop u organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ġewwa awtorita';*

   d. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti Segreatrju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-Onorevoli Ministru Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru ma humiex il-leġittimi kuntradituri ta' l-attur;*

   e. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u Dr Joyce Cassar m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur;*

f. *Illi, fil-mertu, mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-eċċezzjonijiet imqanqla fil-paragrafi preċedenti, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante li l-eċċepjenti ma għamlu xejn li għandu jitqies ċensurabbli minn Qorti adita mir-reviżjoni ta' għemil amministrattiv, kuntrarjament għal dak allegat mill-attur;*

g. *Illi t-tieni talba, kif dedotta, għandha tiġi miċħuda billi ma jwieġbux għaliha l-eċċepjenti kif indikati;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 915/21/1 FDP.*

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata għaxra (10) ta' Settembru 2021, il-konvenut **Avukat tal-Istat** eċċepixxa:

a. *Illi, preliminarjament, in-nullita' ta' dawn il-proċeduri stante li din il-kawża ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni odjerna hija improponibbli in kwantu l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv ai termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi miżuri intenzjonati għall-iskop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ġewwa awtorita';*

c. *Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċepjenti ma hux il-leġittimu kuntradittur ta' l-attur, u dan stante li l-leġittimita' ta' l-eċċepjenti Avukat ta' l-Istat, kif regolata mill-Artikolu 181B(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, trid li l-Avukat ta' l-Iistat jiġi ċċitat fil-ġudizzju biss meta ma jkunx possibbli li jiġi ċitat fil-ġudizzju kap ta' dipartiment, mentri f'dan il-każ, għandu jirriżulta ampjament mir-*

*Rikors Maħluf innifsu li r-rikorrenti indirizza l-kawża kontra diversi kapijiet u esponenti governattivi. L-involviment ta' l-Avukat tal-Istat kellu jkun biss għal skop ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 181B(2) u ċertament mhux biex jiġi ċitat fil-ġudizzju bħala parti;*

d. *Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur, u dan stante li l-eċċepjenti b'ebda mod ma kien parteċipi ta' kwalunkwe proċess ta' detailing, revoka ta' detailing jew terminazzjoni xort'oħra ta' kwalunkwe impjegat tal-kulleġġ konvenut, iżjed u iżjed ta' l-attur, u ma għamel ebda att jew omissjoni li timmerita reviżjoni u ċensura minn dina l-Onorabbli Qorti;*

e. *Illi effettivament, l-eċċepjenti ma jistax iwieġeb għat-talbiet attriċi stante li kjarament dawn ma humiex indirizzati lejh, iżda lill-konvenuti Malta College for Arts, Science and Technology (l-ewwel talba) u lejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni (it-tieni talba), u lanqas ma jista joffri xi rimedju;*

f. *Illi fl-agħar ipotesi għalih, l-eċċepjenti ma għandux jiġi ordnat li jħallas l-ispejjeż ta' mandat ta' inibizzjoni li huwa ma kienx parti fih;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

7. Permezz ta' risposta ġuramentata konġunta datata sittax (16) ta' Settembru 2021, il-konvenuti **Malta College for Arts, Science and Tehcnology, il-Professur Joachim James Calleja bħala Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Philip Vella bħala Deputat Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology** eċċepew:

a. *Illi preliminarjament, il-Professur Joachim James Calleja bħala Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology u Philip*

*Vella bħala Deputat Principal tal-Malta College for Arts, Science and Technology mhux il-leġittimi kuntraditturi u għandhom jiġu liberati mill-ġudizzju u osservanza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi t-talba għar-revoka ta' detailing tar-rikorrenti kienet saret mill-Malta College for Arts, Science and Technology u mhux minnhom, kif ukoll bl-ebda mod ma kellhom x'jaqsmu mad-deċiżjoni finali fir-rigward l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing tar-rikorrenti;*

b. *Illi preliminarjament, u marbut mas-suespost, il-Malta College for Arts, Science and Technology mhux il-leġittimu kuntradittur stante li l-kulleġġ ma kellux x'jaqsam mad-deċiżjoni finali fir-rigward l-approvazzjoni tar-revoka ta' detailing tar-rikorrent;*

c. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fi dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi fl-ewwel lok, il-Kulleġġ intimat kien għamel it-talba sabiex id-detailing tar-rikorrenti jiġi irrevokat skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures u liema fl-aħħar mill-aħħar, tali approvazzjoni għal revokazzjoni taqa' taħt l-Onorevoli Prim Ministru u għalhekk, l-esponenti ma għamlu xejn li għandu jitqies ċensurabbli jew kontra dak espress mil-liġi;*

d. *Illi mhux minnu illi r-rikorrenti huwa l-unika persuna fl-MCAST li jipposjedi l-kwalifiċi, kompetenza u esperjenza fis-suġġetti li qiegħed jgħallem, u infatti is-suġġetti li kien jgħallem ir-rikorrenti qegħdin jiġu mgħallma minn għalliema kompetenti oħra;*

e. *Illi l-esponenti jiċħdu kategorikament illi kien hemm trattament degradanti min-naħa tagħhom versu r-rikorrenti meta huwa kien jgħallem taħt il-kappa tal-kulleġġ;*

f. *Illi l-esponenti dejjem kellhom il-bibien miftuħa għal kwalunkwe tip ta' suġġeriment jew kritika kostruttiva fuq kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-Kulleġġ, inkluż il-kwalita' tas-sillabi, u mhux minnu li l-esponenti b'xi*

*mod ivvendikaw kontra r-rikorrenti minħabba xi nuqqas ta' qbil bejniethom;*

g. *Illi ta' min jgħid illi r-rikorrenti kważi qatt ma mexa mal-proċeduri interni u ta' spiss kien ikollu diversi argumenti mal-kollegi tal-MCAST hekk kif ser jiġi ippruvat;*

h. *Illi b'referenza għal Dok A anness mar-rikors tar-rikorrenti (għal kull buon fini qed jiġi hawn anness ukoll u mmarkat Dok MCAST1), liema dokument ġie totalment misinterpretat mir-rikorrenti, jidher ċarissimu illi ħadd mill-esponenti ma irrevoka d-detailing tar-rikorrenti unilateralment (fejn it-talba tal-istess rikorrenti hija wkoll indikativa ta' dan), liema akkuża qed tiġi ippuntata speċifikament fuq l-esponenti Professur Joachim James Calleja u fejn tali document kien serva biss bħala forma ta' notifika illi kien bdew il-proċeduri sabiex id-detailing jiġi irrevokat;*

i. *Illi hekk kif diġa spjegat, kien il-Kulleġġ esponenti li kien għamel talba skont l-artikolu 5.2.1 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures sabiex id-detailing tar-rikorrenti jiġi revokat sabiex il-kwalifiċi u l-kredenzjali tal-istess rikorrenti ikunu jistgħu jiġu utilizzati b'mod aħjar;*

j. *Illi qabel it-talba għar-revocation of detailing, cioe fid-9 ta' Lulju 2020, il-Kulleġġ esponenti kien ebda proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti minħabba numru ta' nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti skont il-parametri u r-regoli tas-Servizz Pubbliku stante li r-rikorrenti huwa uffiċjali pubbliku, liema akkużi potenzjalment iwasslu għat-tkeċċija. Ta' min jirrimarka illi għall-kuntrarju għal dak li qed jgħid ir-rikorrenti u kif ser jiġi spjegat aħjar aktar hawn isfel, dawn il-proċeduri ma kienu bl-ebda mod relatati mat-talba li kien għamel il-Kulleġġ esponenti għar-revocation of detailing tal-istess rikorrenti;*

k. *Illi l-eżitu tal-imsemmija proċeduri dixxiplinjarji kienu li l-Bord tad-Dixxiplina kostitwit skont ir-regoli tas-Servizz Pubbliku sab lir-rikorrenti ħati tat-tliet akkużi li kienu sarulu mill-Kulleġġ intimat;*

l. *Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku appuntat għas-smigħ skond Regolament 23(2) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku nhar 29 ta' April 2021 stante illi l-akkużi potenzjalment iwasslu għat-tkeċċija;*

m. *Illi wara s-smigħ quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ta' nhar 29 ta' April 2021, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-Onorevoli Prim Ministru l-piena li għandha tiġi imposta, fejn tali rakkomandazzjoni ġiet aċċettata in toto mill-Prim Ministru fejn il-Prim Minsitru ffissa penali ta' ħmistax-il jum utili ta' sospensjoni, liema sospensjoni kellha tapplika bejn it-Tnejn, 21 ta' Ġunju u l-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021, flimkien ma' twissija ta' tkeċċija applikabbli għal erba' (4) snin (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST 2);*

n. *Illi fl-istess waqt fl-14 ta' Ġunju 2021, l-esponenti ġew formalment informati li l-Prim Ministru kien irrevoka d-detailing tar-rikorrenti nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u b'hekk ir-rikorrenti ma kellux jibqa' aktar impjegat tal-MCAST iżda kellu jirreverti lura għas-substantiv grade tiegħu taħt il-kappa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST 3);*

o. *Illi l-Ministeru tal-Edukazzjoni informa lill-istess rikorrenti permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok MCAST4) illi d-detailing tiegħu ġie revokat nhar il-11 ta' Ġunju 2021 u għalhekk ma baqax jifforma parti mill-kulleġġ esponenti, u fl-istess ittra, ir-rikorrenti ġie infurmat illi ser ikun qiegħed jirriverti għas-substantive grade tiegħu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni minn nhar il-21 ta' Ġunju 2021;*

p. *Salv kwalsiasi eċċezzjonijiet ulterjuri u permessi mil-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni 915/21/1.*

8. B'**sentenza preliminari** datata erbatax (14) ta' Jannar 2022, din il-Qorti:

    a. Ċaħdet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri (illum Matthew Vella), l-Onorevoli Dr Justyne Caruana (illum l-Onor Clifton Grima) u Dr Joyce Cassar;

    b. Ċaħdet ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet sollevati mis-Segreatrju Permanenti Dr Francis Fabri (illum Matthew Vella), iżda laqgħet ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet sollevati mill-Onorevoli Dr Justyne Caruana (illum l-Onor Clifton Grima) u Dr Joyce Cassar, u lliberat lill-istess żewġ intimati mill-osservanza tal-ġudizzju;

    c. Laqgħet l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u lliberat lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-ġudizzju;

    d. Ordnat il-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tal-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni (illum Matthew Vella fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport), l-MCAST, il-Profs Joachim James Calleja u Philip Vella.

**Il-Qorti**

9. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat tlieta (3) t'Awwissu 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) kopja tal-ittra datata l-għaxra (10) ta' Settembru 2020 (**Dok A** a fol 7 tal-proċess); (b) estratt minn *Manual on*

*Resourcing, Policies and Procedures* (**Dok B** a fol 8 *et seq* tal-proċess); (c) kopja ta' ittra ta' deċiżjoni tal-Public Service Commission (**Dok C** a fol 13 tal-proċess); (d) kopja tad-deċiżjoni tal-Ombudsman (**Dok D** a fol 14 *et seq* tal-proċess); (e) kopja ta' ittra tal-Human Resources, Ministeru tal-Edukazzjoni, tas-sbatax (17) ta' Ġunju 2021 (**Dok E** a fol 21 tal-proċess); (f) kopja tal-avviż sabiex il-gwardjani ma jdaħħlux lir-rikorrneti ġewwa l-bini tal-istituzzjoni (**Dok F** a fol 22 tal-proċess);

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Dr Joyce Cassar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, datata disgħa (9) ta' Settembru 2021;

11. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat tal-Istat datata għaxra (10) ta' Settembru 2021;

12. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata konġunta tal-Malta College for Arts Science and Technology, il-Professur Joachim James Calleja bħala Prinċipal tal-istess kulleġġ, u Philip Vella bħala Deputat Prinċipal tal-istess kulleġġ, u d-dokumenti annessi magħha, cioe (a) ittra datata għaxra (10) ta' Settembru 2020 (**Dok MCAST1** a fol 41 tal-proċess); (b) ittra datata erbgħa (4) ta' Ġunju 2021 (**Dok MCAST2** a fol 42 tal-proċess); (c) *e-mail* datata erbatax (14) ta' Ġunju 2021 (**Dok MCAST3** a fol 43 tal-proċess); (d) ittra datata sbatax (17) ta' Ġunju 2021 (**Dok MCAST4** a fol 44 tal-proċess);

13. Rat in-nota tar-rikorrent illi permezz tagħha esebixxa in atti: (a) kopja legali tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 (**Dok G** a fol 46 *et seq* tal-proċess); (b) kopja ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent minn Prof Joachim James Calleja (**Dok H** a fol 67 tal-proċess); u (c) kopja tal-ittra uffiċjali numru 3787/21 (**Dok I** a fol 68 *et seq* tal-proċess);

14. Reġgħet rat id-digriet tagħha tat-tmienja (8) t'Ottubru 2021, fejn intlaqgħet it-talba tal-initmati sabiex l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat, u

l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru et jiġu trattati u deċiżi separatament;

15. Reġgħet rat is-**sentenza preliminari mogħtija dwar l-eċċezzjonijiet preliminari suriferiti nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2022** (a fol 124 *et seq* tal-proċess), wara illi tressqu l-provi dwar l-istess eċċezzjonijiet preliminari u l-Qorti semgħet it-trattazzjoni fir-rigward tal-istess;

16. Rat l-affidavit ta' **Dr Peter Gatt** a fol 140 *et seq* tal-proċess u d-dokumenti annessi miegħu;

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Brian Azzopardi**, prodott mir-rikorrent, waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2022[1];

18. Rat in-nota illi permezz tagħha r-rikorrent ippreżenta kopja ta' korrispondenza bejn l-intimat Calleja u Frederick Schembri, immarkata **Dok FS1** a fol 187 tal-proċess;

19. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Frederick Schembri**, prodott mir-rikorrent, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) t'April 2022[2];

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Nadia Vassallo,** prodotta mir-rikorrent, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) t'April 2022[3];

21. Rat ir-Rapport ta' Bord ta' Inkjesta fil-konfront tal-Kulleġġ MCAST, esebit mir-rikorrent, datat ħamsa (5) ta' Marzu 2019, a fol 204 *et seq* tal-proċess;

22. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Glenn Micallef**, prodott mir-rikorrent, waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Ġunju 2022[4];

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 171 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 188 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 193 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 232 *et seq* tal-proċess

23. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Dr Peter Gatt**, prodott mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-erbgħa (4) t'Ottubru 2022[5];

24. Rat l-affidavit ta' **Dr Alex Rizzo** u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 264 *et seq* tal-proċess;

25. Rat l-affidavit ta' **Dr Mario Cardona** u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 416 *et seq* tal-proċess;

26. Rat l-affidavit tal-**Inġinier Paul Borg** u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 553 *et seq* tal-proċess;

27. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tar-rikorrent **Dr Peter Gatt**, prodott mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[6];

28. Rat l-affidavit ta' **Jesmond Agius** u d-dokumenti annessi miegħu, a fol 617 *et seq* tal-proċess;

29. Rat l-affidavit tal-**Inġinier Godwin Caruana** a fol 655 *et seq* tal-proċess;

30. Rat l-affidavit ta' **Kenneth Psaila** a fol 661 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

31. Rat l-affidavit ta' **Stephen Sammut** a fol 677 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

32. Rat l-affidavit tal-**Inġinier Raymond Vassallo** a fol 698 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

---

[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 240 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 598 *et seq* tal-proċess

33. Semgħet ix-xhieda ulterjuri bil-ġurament tar-rikorrent **Dr Peter Gatt,** prodott mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seuta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023[7];

34. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Leo Bonnici**, prodott mill-intimat MCAST waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2023[8] u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok LB1 sa LB3** a fol 757 *et seq* tal-proċess;

35. Rat l-affidavit tal-**Prof Joachim James Calleja**, a fol 779 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

36. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Frederick Schembri**, prodott mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023[9];

37. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Brian Azzopardi**, prodott mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023[10];

38. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Nadia Vassallo**, prodotta mill-intimat MCAST in kontro-eżami, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023[11];

39. Rat l-affidavit ta' **Philip Vella** a fol 876 tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu;

40. Rat l-affidavit ta' **Emil Vassallo**, immarkat **Dok EV1** a fol 886 tal-proċess;

41. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Mario Cardona**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2023[12];

[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 737 *et seq* tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 749 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 861 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 865 *et seq* tal-proċess
[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 871 *et seq* tal-proċess
[12] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 890 *et seq* tal-proċess

42. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' l-**Inġinier Paul Borg**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2023[13];

43. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Prof Joachim James Calleja**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2023[14];

44. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephen Sammut**, prodott mir-rikorrent in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Novembru 2023[15];

45. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024, a fol 944 *et seq* tal-proċess;

46. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, datata tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024, a fol 960 *et seq* tal-proċess;

47. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti MCAST, il-Prof Joachim James Calleja bħala Principal tal-MCAST u Philip Vella bħala Deputat Principal tal-MCAST, datata l-ewwel (1) t'April 2024, a fol 969 *et seq* tal-proċess;

48. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

49. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

[13] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 912 *et seq* tal-proċess
[14] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 919 *et seq* tal-proċess
[15] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 931 *et seq* tal-proċess

50. Jirriżulta mill-atti illi r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *lecturer* f'applikazzjonijiet tal-ġeoloġija fil-Kulleġġ MCAST, wara illi ġie *detailed* sabiex jippresta dan is-servizz fl-ewwel (1) ta' Settembru 2014. Il-fatti illi wasslu għall-kawża odjerna jistgħu jiġu esposti f'*timeline* għall-prattiċita', kif isegwi:

- B'ittra datata 10 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent ġie informat mill-MCAST illi d-*detailing* tiegħu kien ser jiġi revokat. Madanakollu, peress illi, skont il-*Manual on Resourcing, Policies and Procedures*, *detailing* seta' jiġi biss revokat mill-Prim Ministru, u l-Prim Ministru kien għadu ma rrevokax l-istess *detailing*, ir-rikorrent baqa' jattendi ġewwa l-MCAST iżda ma kienx jingħata xogħol x'jagħmel;

- Ġew intavolati proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrent quddiem Bord tad-Dixxiplina, bir-riżultat illi, bħala penali, ir-rikorrent ġie informat b'ittra datata 4 ta' Ġunju 2021 illi kien qed jingħata: (a) sospensjoni għal 15-il ġurnata ta' xogħol mingħajr paga; u (b) twissija ta' tkeċċija għal 4 snin;

- Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem l-Ombudsman illi permezz tiegħu ilmenta *"against the fact that from the beginning of the current academic year he has not been assigned classes, was not given a timetable of lectures, was forbidden to contact students within the Institute abovementioned and was removed from the Department's mailing list".* F'deċiżjoni datata 12 ta' Mejju 2021, l-Ombudsman iddikjara illi l-ilment tar-rikorrent kien fondat: *"In the circumstnaces the Commissioner upholds the complaint to the extent and in so far as it refers to MCAST's decision not to assign to the complainant any teaching duties and to his being prevented from contacting students for such a long period while still on the books of MCAST, and concludes that this was an act which was oppressive and tantamount to degrading treatment of the complainant by the said institution."*[16]

[16] **Dok D** anness mar-rikors promotur, a fol 14 *et seq* tal-proċess

- Fis-17 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrent irċieva *e-mail* mill-intimat Vella[17], fejn ġie informat illi l-għada kienet l-aħħar ġurnata tar-rikorrent fl-MCAST, u dan fit-termini ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 mibgħuta mid-Direttur tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni illi kienet tispjega illi d-*detailing* tar-rikorrent kien ġie revokat fil-11 ta' Ġunju 2021;

- Skont l-istess ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, mill-21 ta' Ġunju 2021 huwa kellu jibda jirrapporta għax-xogħol ġewwa Pembroke Secondary School;

- Ir-rikorrent intavola talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 915/21 FDP fejn talab lill-Qorti sabiex tordna lill-intimati biex jiddesistu milli jesegwixxu u jimplimentaw id-deċiżjoni minnhom meħuda u jittrasferixxu lir-rikorrent fl-iskola Sekondarja f'Pembroke. Il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, iżda mad-daħla tal-MCAST twaħħal avviż sabiex ir-rikorrent ma jitħalliex jidħol fil-bini tal-MCAST[18]. It-talba tar-rikorrent ġiet milqugħa definittivament nhar l-20 ta' Lulju 2021[19];

- Il-kawża odjerna ġiet intavolata nhar it-3 t'Awwissu 2021;

51. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qed jikkontendi illi l-għemil amministiv illi wassal għad-deċiżjoni li permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tiegħu nhar is-17 ta' Ġunju 2021, sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## A. <u>Leġittimu Kontradittur</u>

52. Fir-risposta tagħhom, il-Prof Joachim James Calleja u Philip Vella jeċċepixxu preliminarjament illi m'humiex il-leġittimi kuntradittur i, u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, stante illi t-talba għar-

[17] **Dok E** anness mar-rikors promotur, a fol 20 tal-proċess
[18] **Dok F** anness mar-rikors promotur, a fol 22 tal-prċess
[19] **Dok G** a fol 46 *et seq* tal-proċess

revoka ta' *detailing* tar-rikorrent saret mill-Kulleġġ MCAST u mhux minnhom;

53. Inoltre, imbagħad, il-Kulleġġ MCAST jeċċepixxi illi mhuiwex il-leġittimu kontradittur stante illi lkulleġġ ma kellux x'jaqsam mad-deċiżjoni finali fir-rigward tal-approvazzjoni tar-revoka ta' *detailing* tar-rikorrent;

54. Dwar dak illi għandu jiġi kkonsidrat leġittimu kontradittur, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***[20]:

> *Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna*

[20] Ċit Nru 1365/92, Qorti tal-Appell (Superjuri), 5 t'Ottubru 2001. Vide wkoll, *inter alia,* Rik Ġur 1233/2012, ***Keith Catania et vs Jean Pierre Debattista et***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), STO Prim Imħallef M Chetcuti, 29 t'April 2021 (in ġudikat); Rik Nru 177/2014, ***Elton Taliana vs Onor Min għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali et***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 20 ta' Lulju 2020; u Rik Nru 252/2017, ***Carmelo sive Charles Bianco et vs Jeremy James Camilleri***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġ R Montebello, 8 t'Ottubru 2020 (in ġudikat)

*responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet atrtiċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur – kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*

55. Il-Qorti tinnota illi dak illi qiegħed jitlob indagat ir-rikorrent huwa fuq żewġ binarji:

a. Fl-ewwel lok, huwa qiegħed jitlob illi jiġi indagat l-għemil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent. Il-Qorti tifhem illi dak illi qiegħed jitlob ir-rikorrent f'dan l-istadju huwa illi jiġi indagat jekk il-Kulleġġ MCAST u l-Amministrazzjoni tiegħu kinux legalment korretti meta talbu r-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent; u

b. Fit-tieni lok, jekk il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Sport (minn issa 'l quddiem *"is-Segretarju Permanenti"*) aġixxewx b'mod legali meta rrevokaw l-istess *detailing*;

Finalment, qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni komunikata lilu fis-17 ta' Ġunju 2021 mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport;

56. Għaldaqstant, huwa evidenti illi l-Kulleġġ MCAST huwa leġittimu kontradittur, b'mod partikolari fil-parti illi tirrigwarda l-egħmil amministrattiv illi wassal sabiex issir it-talba għar-revoka tad-*detailing*, bħala l-korp b'personalita' ġuridika u distinta illi fi ħdanha kien impjegat ir-rikorrent. Saħansitra anke f'paragrafu 9 tar-risposta konuntiva, a fol 37 tal-proċess, ġie indikat illi kien il-Kulleġġ illi għamel it-talba skont l-artikolu 5.2.1 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata fir-risposta konġuntiva tal-istess tliet intimati għandha tiġi miċħuda;

57. In oltre, imbagħad, skont l-Artikolu 102 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prinċipal għandu *"s-setgħa li jagħmel dawk il-ħatriet meħtieġa ta' uffiċjali u impjegati akkademiċi, tekniċi, jew ta' kull xort'oħra"*, b'dana għalhekk illi huwa evidenti illi l-i*staff* jaqa' fil-kompetenza tal-Prinċipal. Saħansitra anke r-rapport anness mal-formola għar-revoka ġie ffirmat mill-istess Prinċipal[21]. Gialadarba l-każ odjern jirrigwarda r-revoka ta' *detailing* ta' membru mill-i*staff* fi ħdan il-Kulleġġ, din il-Qorti tqis illi l-Prinċipal huwa għalhekk leġittimu kontraditur flimkien mal-Kulleġġ, għal dak illi jirrigwarda l-egħmil amministrattiv illi wassal sabiex issir it-talba għar-revoka tad-*detailing*;

58. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-Viċi-Prinċipal, illi, minkejja illi huwa inkarigat, *inter alia*, mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, ma jidhirx illi kellu xi sehem fid-deċiżjoni illi ssir it-talba għar-revoka tad-*detailing*. Kien biss wara illi ġiet approvata t-talba għar-revoka tad-*detailing* illi l-Viċi-Prinċipal ħa azzjoni, billi bagħat jinforma lir-rikorrent bid-deċiżjoni illi kienet ngħatat;

59. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, filwaqt illi din il-Qorti sejra **tiċħad** it-tieni eċċezzjoni fir-risposta konġunta u tiddikjara l-Kulleġġ MCAST bħala leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, hija sejra **tilqa' *in parte*** l-ewwel eċċezzjoni in kwantu tagħmel referenza għall-Viċi-Prinċipal Philip Vella, filwaqt illi **tiċħad** l-istess eċċezzjoni in kwantu tagħmel referenza għall-Prinċipal Profs Calleja. Dan stante illi, minkejja illi l-Kulleġġ u l-Prinċipal ma

[21] A fol 764 tal-proċess

kellhomx x'jaqsmu mad-deċiżjoni finali, huma kellhom sehem attiv fid-deċiżjoni sabiex issir it-talba għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent.

## B. <u>Kawża fil-Mertu</u>

60. Din il-Qorti tfakkar illi dak illi hija qiegħda tiġi mitluba tagħmel, gialadarba din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju, mhux illi tiddeċiedi hi jekk ir-rikorrent jistħoqqlux jibqa' *detailed* jew le, iżda illi tindaga jekk id-deċiżjoni meħuda mill-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti, fuq talba tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, kinitx waħda legali. Tgħid **Hilaire Barnett** fil-ktieb tagħha ***Constitutional and Administrative Law***:

> *In the case of review, a successful case will usually result in the previous decision being nullified – or quashed – but no new decision will be put in its place. Instead, the body in relation to which a successful application for judicial reviews has been made will be directed to redetermine the case according to the correct rules and procedure, and it is by no means inevitable that the decision reached according to the lawful procedure will be more favourable to the individual than the original decision.*[22]

Hekk ukoll jgħid ir-rikorrent fil-ktieb tiegħu ***Maltese Administrative Law***[23]:

> *Indeed, there are two basic rules invariably applied in common law as regards judicial review of administrative action: the first norm is that, in judicial review, the court will not enter into the merits of whether a decision or an act is right or wrong, or whether it is fair or not, but only whether it is lawful. [...]*

[22] Barnett H, *Constitutional and Administrative Law* (Routledge, 10th Edn, 2013) p 569
[23] Borg T, *Maltese Administrative Law* (Kite Group, 1st Edn, 2021) p 146

> *The second golden rule is that, in judicial review cases, unlike human rights applications under the Maltese Constitution, the courts will limit themselves to declaring that an administrative act is null and void, but do not substitute their discretion for that of the public authority concerned.*

61. Ir-raġunijiet illi fuqhom qed iserraħ il-kawża r-rikorrent huma dawk stabbiliti fl-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii), (b)(iii) u (iv) u cioe,

> *(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> *[...]*
>
> *(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*
>
> *(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
>
> *(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

❖ **<u>Dwar l-Artikolu 469A(1)(a)</u>: *“<u>meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni</u>”***

62. Ir-rikorrent isostni illi l-egħmil amministrattiv huwa null u invalidu għaliex jikser l-Artikolu 36 (Protezzjoni minn trattament inuman) u l-Artikolu 41 (Protezzjoni ta' liberta' ta' espressjoni) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

63. Fis-sentenza ***Christopher Abela et vs Avukat Ġenerali***[24], din il-Qorti kif diversement presjeduta, irrilevat:

> *[...] Ix-xorta ta' ksur Kostituzzjonali li qed jirravisa l-artikolu 469A(1)(a) ma hux dak li jirrigwarda dritt fundamentali, iżda drittijiet oħra taċ-ċittadin li huma protetti mill-Kostituzzjoni li pero' ma jaqħux fil-kategorija tad-drittijiet elenkati f'Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni. Ma hiex ħaġa insolita li jingħata dan ix-xorta ta' dritt ta' natura kostituzzjonali, esklużi pero' mill-operazzjoni u eżerċizzju tiegħu, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħal ma huwa fil-każ ta' artiklu 116 tal-istess Kostituzzjoni.*

64. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Hussein Abdi Ismael vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et***[25], ġie ritenut:

> *Illi l-parti l-oħra tal-ewwel talba mhux amissibbli billi, skont kif stabbilit minn ġurisprudenza kostanti, l-Artiklu 469A(1)(a) jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni li ma jkunx ksur tal-jeddijiet fundamentali.*

65. Il-Qrati nostrana serrħu b'mod kostanti d-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-prinċipji enunċjati u kjarifikati mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***[26], u cioe:

---

[24] Rik Nru 1164/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 2 ta' Diċembru 2019 (in ġudikat)
[25] Rik Ġur Nru 37/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 2 ta' Mejju 2019 (in ġudikat)
[26] Appell Ċivili Nru 1/2003/1, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Settembru 2009

*[...][Din il-Qorti] hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li għandha tingħata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artitkolu 469A hija dik mogħtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija****, deċiża fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta'* ***Ciantar****, din il-Qorti kienet esprimiet ruħha hekk:*

> *"... ... (I)l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-aħħar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinċiż (1)(a) ta' l-artikolu 469A fi sforz biex tiċċara sa fejn din id-disposizzjoni setgħet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-ġurisdizzjoni oriġinali mogħtija lill-istess Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 magħdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun ġiet jew tkun ser tiġi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*
>
> *Il-prinċipju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza ċivili kellhom jibqgħu separati u distinti anke għaliex ir-rikors taħt kull kompetenza hu regolat bi proċeduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif ġja' ġie rilevat f'ġudikati oħra, ir-rimedju taħt l-Artikolu 469A taħt ċerti aspetti kien wieħed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-għażla tar-rimedju xieraq li setgħet takkorda.*
>
> *Kif aċċennat, l-egħmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ħafna jeddijiet*

*tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-każijiet kollha, is-subinċiż (1)(a) taħt eżami issib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-oħra, l-aġir amministrattiv ikun allegatament leżiv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taħt il-liġi ordinarja ... ... Fejn dawn il-liġijiet jagħtu rimedju għal-leżjoni – u fost dawn il-liġijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri għar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment għar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ...*

*Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikonċilja dan l-inċiż (1)(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' leżjonijiet tad-drittijiet fondamentali, jidher li jiffavorixxi interpretazzjoni bażata fuq l-effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun aċċessibbli f'dawk il-każijiet fejn ir-rimedju effettiv għal leżjoni subita ma setax jingħata taħt l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux għal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta' interpretattiva. Mill-banda l-oħra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-leġislatur oriġinarjament intenda li, bl-introduzzjoni ta' l-inċiż (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduċi u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setgħet tiġi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inklużi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi oriġinarjament*

> *l-inċiż (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll għall-inċiż (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-leġislatur ġie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika għal egħmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dana bl-Att IV ta' l-1998. L-emenda pero' bl-ebda mod ma ċċarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza ċivili u l-kompetenza kostituzzjonali."*

> *Fi kliem ieħor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tiġi risolta darba għal dejjem, cioe' anke għal każijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur tagħhom) ma setgħux jiftħu kawża ordinarja għal stħarriġ ġudizzjarju taħt is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti taħt il-Kostituzzjoni, għax dak is-subartikolu jirreferi għal ksur tal-Kostituzzjoni <u>minn egħmil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta għall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jiġi mistħarreġ mill-qrati ordinarji</u>. [...]*

66. Ikkunsidrat illi l-ilment tar-rikorrent huwa bbażat preċiżament fuq egħmil amministrattiv illi r-rikorrent qed jikkontendi illi kiser id-drittijiet tiegħu kif sanċiti mill-Artikoli 36 u 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u applikati l-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi mistħarreġ minn din il-Qorti fil-kuntest tal-Artikolu 469A(1)(a). Konsegwentement qiegħda **<u>tiċħad</u>** *in parte* l-ewwel talba rikorrenti in kwantu tagħmel referenza għall-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

❖ **<u>Dwar l-Artikolu 469A(1)(b)</u>**

67. L-Artikolu 469A(1)(b) jistabbilixxi illi egħmil amministrattiv jiġi dikjarat null, invalidu jew mingħajr effett meta *"ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin: [...] (ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi"* Din il-Qorti qiegħda tillimita ruħha għal dawn it-tliet sub-inċiżi stante illi huma t-tliet sub-artikoli illi jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent fit-talbiet tiegħu;

i. ***"(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil;"***

68. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Dr Kristina Vella vs Il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta***[27]:

> *Illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. L-opra klassika* ***De Smith's Judicial Review*** *tirrimarka li "the expression 'natural justice', which is the source from which procedural fairness now flows, has been described as 'one sadly lacking in precision'" u tiċċita lil Lord Justice Ormrod in re:* ***Norwest Holst Ltd. v Secretary of State for Trade (1978)****: " 'natural' adds nothing to justice except perhaps a hint of nostalgia". B'danakollu, fil-liġi Ngliża dan il-kunċett ġie identifikat*

[27] Rik Nru 339/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 3 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

*maż-żewġ elementi kostituttivi tas-smiegħ xieraq: "(a) that the parties should be given a proper opportunity to be heard and to this end should be given due notice of the hearing and (b) that a person adjudicating should be disinterested and unbiased". Il-ġurisprudenza Maltija segwiet din l-interpretazzjoni, u riċentement, partikolarment tramite s-sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras, estendiet dan il-kunċett għall-għoti tar-raġunijiet li fuqhom tkun imsejjsa d-deċiżjoni amministrattiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif ippreseduta, il-prinċipju tas-smiegħ xieraq ma jsarrafx dejjem u awtomatikament fil-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet. Ħafna jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-għoti tar-raġunijiet fih il-vantaġġ li jinkoraġixxi l-evaluwazzjoni bir-reqqa tal-kunsiderazzjonijiet involuti, l-eliminazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet estranji, konsistenza fid-deċiżjonijiet, u gwida dwar deċiżjonijiet futuri. Fi kliem ieħor, ineħħi d-dubbji dwar ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni li tant attakkat l-attriċi f'din il-kawża. Fih ukoll żvantaġġi. F'xi każi jipperikola s-sigurta` nazzjonali; f'oħrajn tinkoraġixxi deċiżjonijiet fuq raġunijiet "standard" u riġidi u tiddiskoraġġixxi deċiżjonijiet diffiċli jew kontroversjali;*

69. Il-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*[28], fil-parti illi tistabbilixxi l-proċedura sabiex jiġi revokat *detailing* ta' uffiċjal pubbliku (*5.2: Recovation of Detailing of Public Officers detailed with Public Entities*), ma ssemmi xejn dwar il-fatt illi r-rikorrent kellu jinstema' qabel tiġi rikjesta revoka għad-*detailing*, jew illi huwa kellu jingħata raġuni għaliex ġie revokat id-*detailing* tiegħu. Infatti, l-istess *Manual* jgħid biss illi *detailing* jista' jiġi revokat, *"following a request by the Entity – an entity may, because of particular reasons such as restructuring, request that officers who had*

[28] < https://publicservice.gov.mt/Media/PSMC%20Documents/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf > verżjoni *updated* l-aħħar fit-30 ta' Marzu 2023

*been detailed with the entity be revoked and they revert back to the Public Service"*;

70. Issa fil-każ odjern, ix-xhud **Leo Bonnici** esebixxa kopja tal-formola illi permezz tagħha ntalbet ir-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, illi magħha ġie annessa rapport tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Kulleġġ MCAST datat tmintax (18) ta' Ġunju 2020[29]. Dan ir-rapport jinkludi sinteżi ċara tar-raġunijiet illi wasslu sabiex tiġi mitluba r-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, u ma jirrikjedu l-ebda interpretazzjoni jew spjegazzjoni ulterjuri. In oltre, anke jekk effettivament irriżulta illi d-deċiżjoni komunikata lir-rikorrent fl-għaxra (10) ta' Settembru 2020 mill-Kulleġġ MCAST[30] ma kinitx waħda illi setgħet tiġi attwata stante illi kien għad m'hemmx l-approvazzjoni tal-Prim Ministru, l-istess ittra kienet tispjega b'mod ċar u inekwivoku r-raġunijiet illi għalihom kienet qiegħda tintalab ir-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, u cioe l-fatt illi kien ir-rikorrent stess illi ta *feedback* lill-Kulleġġ fis-sens illi l-units assenjati lilu, fosthom il-unit *Understanding Construction Technology and Material Science*, ma kinux jaqgħu fil-kompetenza tal-professjoni tiegħu. Ir-raġunijiet mogħtija f'din l-ittra huma *press'a poco* l-istess raġunijiet elenkati fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, anke jekk id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi forsi kienet kemmxejn aktar dettaljata. Għaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jilmenta illi ma ngħatawx lilu raġunijiet illi għalihom il-Kulleġġ talab ir-revoka tad-*detailing*;

71. In oltre, imbagħad, f'dak illi jirrigwarda d-deċiżjoni tar-revoka nnifisha, il-Qorti rat illi r-rikorrent qed jallega illi effettivament ma kienx il-Prim Ministru illi approva r-revoka, b'dana illi ma ġietx osservata l-ħtieġa proċedurali mandatorja stabbilita fil-*Manual* suriferit tal-approvazzjoni tal-Prim Ministru sabiex *detailing* jiġi revokat. **Leo Bonnici,** Direttur tal-*People Resourcing and Compliance* fil-*People and Standards Division* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jgħid illi lill-Prim Ministru, *"Aħna għamilnielu brief intern, u hu jiffirmah."* Mistoqsi jekk għandux kopja ta' dan, ix-xhud jgħid, *"Dik għalina hija xi ħaġa interna, jiena hemmhekk qed ngħid illi, u hekk qed naħlef hawn,*

[29] A fol762 tal-proċess
[30] **Dok A** annessa mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess

*illi ingħatajt l-approvazzjoni skont l-Education Act u skont il-five point two tal-Manual illi t-tnejn jgħidu li hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Prim Ministru biex ikun hemm revoka ta' detailing ta' public officer."*[31] Huwa minnu illi r-rikorrent iressaq bħala xhud lil **Glenn Micallef**, *Head of Secretariat* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, sabiex jipprova jissostanza l-allegazzjoni tiegħu; madanakollu din il-Qorti nnotat illi l-istess xhud jixhed illi *"**sa fejn naf jiena**, l-uffiċċju tal-Prim Ministru ma kellu x'jaqsam xejn mar-revoka **sa fejn kont naf jiena**"* (emfasi tal-Qorti)[32]. Jikkonferma wkoll illi fil-kors tar-responsabbiltajiet ordinarji tiegħu, huwa mhux involut effettivament f'*detailing* jew revoka ta' *detailing*, u li hu *"ftit li xejn"* huwa familjari mal-proċedura ta' revoka ta' *detailing*. Dan ma jfissirx, iżda, illi huwa qiegħed jikkontradixxi x-xhieda ta' Leo Bonnici, illi jaħdem preċiżament fid-diviżjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru inkarigata b'dan ix-xogħol;

72. In oltre, ir-rikorrent jallega wkoll illi l-fatt illi l-*e-mail* spedita minn Dr Francis Fabri illi fiha jgħid, *"Mexxi"* b'rispons għat-talba għar-revoka mgħoddija lilu minn Mary Scicluna fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, jindika illi effettivament kien Fabri illi approva r-revoka tad-*detailing*, u mhux il-Prim Ministru. Madanakollu, fl-*e-mail* tagħha Mary Scicluna titlob lil Dr Fabri sabiex jagħti *"**endorsement** of this proposed revocation"* (emfasi tal-Qorti), u mhux *"approval"*. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, l-ordni mogħtija minn Dr Fabri ma tistax titqies bħala deċiżjoni finali tar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, kif qed isostni r-rikorrent, iżda sempliċiment bħala *endorsement* da parti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni illi kienet għadha teħtieġ l-approvazzjoni finali da parti tal-Prim Ministru skont il-proċedura fil-*Manual*. Infatti, filwaqt illi l-*e-mail* ta' Dr Fabri hija datata 18 ta' Settembru 2020, l-ittra illi permezz tagħha r-rikorrent ġie informat illi d-*detailing* tiegħu kien qed jiġi revokat hija datata 17 ta' Ġunju 2021, u d-deċiżjoni indikata bħala meħuda fil-11 ta' Ġunju 2021, u cioe ferm wara l-iskambju t'*e-mails* bejn Scicluna u Dr Fabri;

[31] A fol 753-754 tal-proċess
[32] A fol 235 tal-proċess

73. Meqjus il-premess, din il-Qorti ma ssibx illi l-egħmil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent kien kolpit min-nuqqas t'osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji kif sanċit fl-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**ii.** ***"(iii) meta l-egħmila amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;"***

74. Intqal fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs Kap Kmandant, Forzi Armati ta' Malta et***[33]:

> *25. Huwa mifhum li meta tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv fit-termini tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12, il-Qorti trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li: (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi, (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha mil-liġi dik is-setgħa, u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti.*

75. Osservat ukoll l-istess Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ganni Attard vs Direttur Ġenerali Dipartiment Veterinary and Phyto Sanitary***[34]:

> *57. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza patria u l-awturi kkwotati mill-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha u taghmel ukoll referenza*

[33] Rik Nru 187/2016/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 11 ta' Marzu 2024
[34] Rik Nru 114/2012/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 29 ta' Jannar 2016

*ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet* ***Tabone Computer Centre Ltd v. Ir-Regolatur tat-Telegrafija minghajr Fili, id-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili u l-Avukat Generali****, fejn jinghad:*

*"Issa hu veru li kull awtorita` trid tagixxi b'mod ragjonevoli, fis-sens li d-decizjoni taghha trid tkun wahda dettata bir-raguni* <u>*meqjusa c-cirkostanzi kollha rilevanti tal-materja*</u>*. [enfasi ta' din il-Qorti] Fil-kawza Buttigieg v. Rettur tal-Universita` ta' Malta et, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit22 ta' Dicembru 2003 intqal li:*

*"It-'tests' ta' 'unreasonableness' fl-ezercizzju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza Kruse v. Johnson 1898 u b'dan il-mod: 'if they are manifestly unjust'; 'if they disclosed bad faith'; if they could find no justification in the minds of reasonable men."*

*58. Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 2015 fl-ismijiet* ***Adrian Deguara v. Suprintendent tas-Sahha Pubblika****, fejn il-Qorti sahqet:*

*L-ghoti tal-helsien mill-harsien ta' ligijiet sanitarji hija diskrezzjonali ghall-Bord, izda l*<u>*-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni huwa sindakabbli mill-qrati ordinarji jekk jirrizulta li hija rragjonevoli jew li ttiehdu konsiderazzjoni ta' fatturi li ma kellhomx jittiehdu jew ma ttiehdux konsiderazzjoni ta' fatturi li kellhom jittiehdu*</u>*. [sottolinear ta' din il-Qorti] Fil-kawza ricenti All for Property Ltd. v. Direttur Generali (Dwana), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2014, f'kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili sar reassunt tal-*

*principji legali applikabbli meta jsir stharrig ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni. Intqal hekk a propozitu:*

*"Fil-kuntest tas-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Kap. 469A dwar irrelevant considerations Lord Esher MR fil-kawza "R. vs St. Pancras Vestry" (1890) qal hekk:-*

*""They must fairly consider the application and not take into account any reason for their decision which is not a legal one. If people who have to exercise a public duty by exercising their discretion take into account matters which the courts consider not to be proper for the exercise of their discretion, then in the eye of the law they have not exercised their discretion".*

*"Kif qal l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu Administrative Law, jikkummenta hekk:-*

*""A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably." [Lord Wrenbury]."*

*"Il-Qorti tirreferi ghal dak deciz fil-kaz "Debono v Awtorita` Dwar itTrasport Pubbliku" fejn il-Qorti pprecizat li "l-Artikolu 469A(1)(b)(iii) ma jfissirx li l-Qorti ser tezamina l-mertu tal-kaz quddiem l-Awtorita`, imma jekk l-Awtorita` wasslet ghad-decizjoni taghha abbazi ta' improper purpose' jew konsiderazzjonijiet irrilevanti."*

76. Dwar l-element ta' **raġonevolezza** illi għandha tiġi applikata f'egħmil amministrattiv, issir referenza għal dak ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Camilleri et vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati et***[35]*:*

> *Illi jista' jingħad li id f'id mal-kwestjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Din ukoll hija waħda mill-kawżali li fuqhom l-atturi jsejsu l-każ tagħhom. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita` amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni. B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction";*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq, u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew theddid minn terza persuna jaf inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles*

[35] Rik Ġur 1087/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 24 ta' Frar 2022

*u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;*

*Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorita` mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;*

*Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorita` taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi bona fide. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk*

*id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;*

*[...]*

*Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq . B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "rite" u kif ukoll "recte", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;*

*Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably". Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza,*

*imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha;*

*Illi fis-sentenza* ***Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*** *Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decisionmaker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it'";*

*Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, "the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether". Dan hu hekk il-każ billi "There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with*

*which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision."; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, 'would require something overwhelming'. Intqal ukoll li 'unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification', u wkoll li "two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable"; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "whether the decision was one which a reasonable authority could reach". Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat;*

77. Applikata l-ġurisprudenza suriferita għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

78. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-approvazzjoni tat-talba għal revoka tad-*detailing* da parti tal-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Sport, din il-Qorti ma tarax illi kienu irraġonevoli fid-deċiżjoni tagħhom sabiex japprovaw u jendorsjaw rispettivament it-talba għar-revoka tad-*detailing*. Fuq kollox, ma ġie fl-ebda punt kontestat il-fatt illi, fl-aġir tagħhom, l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti sempliċiment imxew fuq l-informazzjoni mogħtija lilhom mill-Kulleġġ, b'dana illi ma ħadux in konsiderazzjoni xi fatturi illi ma kellhomx jittieħdu, u lanqas imxew b'*male fede*. L-unika punt illi ġie kontestat kien jekk effettivament il-Prim Ministru tax l-approvazzjoni tiegħu, punt illi ġia ġie trattat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax illi kien hemm xi abbuż ta' setgħa da parti tal-Onorevoli Prim Ministru u/jew tas-Segretarju Permanenti;

79. Fit-tieni lok, f'dak illi ppreċeda l-approvazzjoni għar-revoka, u cioe fl-egħmil amministrattiv imwettaq mill-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal fi ħdanu, din il-Qorti rat illi nġabu diversi provi dwar id-diversi diżgwidi illi kien hemm bejn l-Amministrazzjoni tal-Kulleġġ u r-rikorrent tul is-snin, fosthom numru t'affidavits u volumi ta' *e-mails* skambjati mar-rikorrent. Ir-raġunijiet illi għalihom intalbet ir-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent kienu jinkludu s-segwenti allegazzjonijiet[36]:

a. *E-mail* mibgħuta lill-Ministru t'Edukazzjoni nhar it-8 t'April 2020 fejn ir-rikorrent stess stqarr illi, *"I have no future or prospects at MCAST as a result of political discrimination instituted by a politically-minded and incompetent MCAST management that acts outside the parameters of the law."*, interpretata mill-Bord ta' Gvernaturi bħala ammissjoni illi l-MCAST ma kinitx qed tagħtih l-ispazju sabiex jeżerċita l-professjoni tiegħu;

b. Akkużi foloz dwar l-Amministrazzjoni tal-MCAST da parti tar-rikorrent;

c. *E-mail* illi fiha r-rikorrent kien irrifjuta illi jagħti presentazzjoni ta' unit illi xtaq jintroduċi fil-kors għaliex sostna illi tali informazzjoni kienet *"private proprietary information"*, meta mhux il-każ skont proċedura tal-Kulleġġ;

d. *E-mail* spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 27 t'April 2020, illi fiha r-rikorrent qal illi ma kienx dispost jgħallem nofs unit assenjata ilu, għaliex ma kienx jaqa' fil-kompetenza tal-professjoni tiegħu;

e. *E-mail* spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 4 ta' Mejju 2020, illi fiha qal illi unit illi kien jgħallem hu kellu jkollha l-kriterja t'assessjar mibdula mingħajr ma tiġi osservata l-proċedura stabbilita għal dan l-eżerċizzju;

---

36 Vide *MCAST Board of Governers Resolution Proposal* a fol 762-763 tal-proċess

f. Insistenza da parti tar-rikorrent illi ċertu membri tal-*Management* u *Senior Management* tal-Kulleġġ ma kellhomx il-kwalifiki neċessarji sabiex jaqdu r-rwol tagħhom;

80. *E-mail* oħra illi ma tissemmiex fir-rapport iżda ġiet esebita hija dik spedita lill-Inġinier Paul Borg datata 30 ta' Jannar 2020, fejn ir-rikorrent qal, *"The syllabus of the unit you gave me does not make sense to me. As a professional, I cannot lecture on something which does not make sense to me. In the circumstances, you may ask someone else to lecture this unit."*[37]

81. Din il-Qorti tfakkar illi dak illi hija obbligata tagħmel f'kawżi ta' din ix-xorta mhuwiex illi tindaga jekk id-deċiżjoni illi ttieħdet, u cioe d-deċiżjoni sabiex issir it-talba għar-revoka tad-*detailing*, kinitx waħda tajba jew le, iżda jekk sabiex ngħatat tali deċiżjoni tteħidx konsiderazzjoni ta' fatturi illi kienu irrelevanti għall-każ;

82. Din il-Qorti tirrileva illi mill-assjem tal-provi, kif ukoll mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Gvernaturi, hija tikkonkludi illi infatti r-rikorrent għandu raġun in kwantu qed isostni illi kien qiegħed jiġi assoġġettat għal azzjoni punittiva doppja, għaliex kien qed jiġi revokat id-*detailing* tiegħu *over and above* il-penali mogħtija mill-Kummissjoni fuq deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Filwaqt illi huwa minnu illi jidher illi kien hemm żewġ istanzi fejn ir-rikorrent qal illi xi unit kien imur oltre l-kompetenza professjonali tiegħu, jidher illi l-Kulleġġ ħa l-opportunita' sabiex juża dawn l-istanzi u jitlob ir-revoka tad-*detailing* a bażi tagħhom. Mill-bqija, iżda, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konsiderazzjonijiet l-oħra meħuda, u cioe l-atteġġjament tar-rikorrent lejn l-istaff u l-Amministrazzjoni u r-riluttanza tar-rikorrent sabiex isegwi proċeduri stabbiliti, ma kellhomx jiġu indirizzati b'talba għar-revoka tad-*detailing*, iżda bi proċeduri dixxiplinarji, kif jidher illi effettivament saru. Se mai, waħda mill-penali kienet tikkonsisti fi twissija ta' tkeċċija għal erba' snin[38], penali illi l-Qorti tqis illi kellha sservi ta' deterrent suffiċjenti sabiex ir-rikorrent jaqdi

[37] A fol 500 tal-proċess
[38] **Dok C** anness mar-rikors promotur, a fol 13 tal-proċess

dmiru *qua* lettur skont il-proċeduri stabbiliti mill-Kulleġġ u b'rispett lejn l-Amministrazzjoni fit-tmexxija;

83. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** ***in parte*** l-ewwel talba rikorrenti, u tiddikjara illi l-egħmil amministrattiv illi wassal sabiex il-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal Calleja talbu r-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, kien jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tagħhom għaliex ġie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tiddikjara d-deċiżjoni konsegwenzjali komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 għandha titqies **nulla u mingħajr effett**.

### iii. Artikolu 469A(1)(b)(iv)

84. Gialadarba l-egħmil amministrattiv illi wassal sabiex saret it-talba għar-revoka tad-*detailing* tar-rikrorent ġiet dikjarata nulla u mingħajr effett fit-termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii), din il-Qorti sejra tastjeni milli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

85. Finalment, il-Qorti tinnota illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jallega illi, per konsegwenza tad-deċiżjoni sabiex jiġi revokat id-*detailing* tiegħu, huwa sofra danni finanzjarji konsiderevoli. Madanakollu, din il-Qorti rat illi la saret talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, u lanqas inġabet xi prova f'dan ir-rigward fil-morti tal-kawża. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tastjeni milli tagħti xi deċiżjoni jew dikjarazzjoni f'dan ir-rigward.

**Decide**

86. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. **<u>Tilqa’ *in parte*</u>** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kulleġġ MCAST, il-Prof Calleja fil-kwalita’ tiegħu ta’ Prinċipal u Philip Vella fil-kwalita’ tiegħu ta’ Deputat Prinċipal, u tiddikjara illi d-Deputat Prinċipal Philip Vella għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi mhux leġittimu kontradittur. Mill-bqija, **<u>tiċħad</u>** l-istess eċċezzjoni u tiddikjara illi l-Prinċipal Prof Calleja huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kulleġġ MCAST, u tiddikjara illi l-istess Kulleġġ huwa leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;

iii. **<u>Tilqa’ *in parte*</u>** l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara illi l-egħmil amministrattiv illi wassal għar-revoka tad-*detailing* tar-rikorrent, in kwantu tali egħmil amministrattiv ġie attwat mill-Kulleġġ MCAST u l-Prinċipal Prof Calleja u kkonsista fid-deċiżjoni sabiex saret it-talba għar-revoka, sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Mill-bqija **<u>tiċħad</u>** l-istess talba rikorrenti in kwantu l-istess talba saret fid-dawl tal-Artikoli 469A(1)(a) u/jew (b)(ii) u/jew (b)(iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, u in kwantu l-istess talba tirrigwarda d-deċiżjoni finali meħuda mill-Onorevoli Prim Ministru u mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni (illum tal-Edukazzjoni u l-iSport) nhar il-ħdax (11) ta’ Ġunju 2021;

iv. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni talba rikorrenti u tordna t-tħassir tad-deċiżjoni komunikata lir-rikorrent fis-sbatax (17) ta’ Ġunju 2021, u tordna li r-rikorrent jerġa’ jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni, u cioe fil-grad u kundizzjonijiet li kien jeżerċita qabel.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża u tal-mandat t’inibizzjoni 915/21 FDP jitħallsu mill-Kulleġġ MCAST.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**